# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**63.** **13 ta' NOVEMBRU 1909.** **IT-TIENI SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal anqas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallanqas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijġedded, ingħoddu bħalha 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


## L'is-Sur Cicc u Sħabu.

Sur Cicc,

Ir-rebħa hi tiegħec u ta' sħabec u hi rebħa sabiħa għaliex ħaddtuha b'il ponta ta's-sejf. Iżda nitma li dina ir-rebħa ma tberridcomx f'il ħrara u f'il ħeġġa li tinħtieġ biex taslu f'rebħa ŭisk isbaħ, m'hux TAGHCOM iżda TA'L POPLU billi jakla it-tisŭija ta'l Costituzzjoni.

L-egħdeŭŭa tagħcom xejn taħsbu li sejjrin jorkdu, lè, iżda jibkgħu minn taħt il taħt jaħdmu contra tagħcom biex jecc ma irnexxielhomx ijġarrfucom illum jirnexxilhom darb'oħra. Kaŭŭu klubcom għalhecc u inxteħtu f'it-takbida b'il ħeġġa collha ħalli turu lil dac il poplu li kiegħed ficom il fiduċja tiegħu li intom tasseŭ timmeritaŭha.

Ftacru li min tacom il voti huma l'intelligenti u l'indipendenti u li daŭna jafu jiflu il għamil tagħcom u jafu jatucom dahirhom jecc tonksu milli ŭiegħidtu.

Ma 'l Ministru hemm bżonn li tmixxu b' actar ħeġġa, għaliex jecc il moderazzjoni hi virtù it-tnicchir hu difett cbir ħafna. U ħeġġu klubcom actar ħalli turuna li m' hux issa għax sejjrin tidħlu fl-Esecuttiv u tieħdu it-tliet mitt lira tħaddiltu; għaliex l-egħdeŭŭa tagħcom sgur ijgħidulcom li ma intomx kiegħdin tħabircu biex ma jcollcomx ir-riedni ta'l maġġjoranża. Mela moderazzjoni f'il cliem iżda ħeġġa f'il fatti għaliex kabel ma naslu f'il maġġjoranza ta'l Legislattiv ftit ŭisk incunu għadna klajna minn għand il Ministru.

Hemm bżonn ucoll li ma tibkgħux tant f'il bogħod m'il poplu bħal kabel. B' il "*Gazzetta di Malta*" intom tilħku lil l-intelligenti li jakraŭ b'it-taljan u għalhecc daŭna jimxu magħcom pass pass u jcunu jafu dac li kiegħdin tagħmlu u għala għamiltuh. Iżda lil daŭc li ma jakraŭx il "*Gazzetta di Malta*" hemm bżonn li tieħdu ħsiebhom ftit ucoll billi cull tant tagħmlulhom xi meeting ħalli tfehmuhom x' inhu jsir għal gid tagħhom u biex ma tħallux jinbet fosthom dac il għaŭi u dac it-tnassis li l-egħdeŭŭa tagħcom ijcunu kiegħdin jiżirgħu. La tħallux lil poplu baxx jinsa leħincom ħalli meta jcollcom bżonnu issibuh dejjem magħcom. Ersku lejh ucoll ħalli jfehimcom il bżonnijiet tiegħu, għaliex hu, ŭisk actar m'il intelligenti, għandu bżonn il għajnuna u id-daŭl tagħcom. Tħallux lil l-egħdeŭŭa jiżirgħu il ħorriek u is-sicrana; inżlu intom ekirdu lil daŭna u iżirgħu il bjad ħalli fi żmjenu tiġbru it-tgħam.

Hemm bżonn ucoll li issa meta jasal il ŭakt tħabircu biex min ma għandux vot ijgibu. Għarucaża! haŭn eluf ta' nies intelligenti li jistgħu f'certi mumenti jsalvaŭ il pajjis, li ma għandhomx vot. Dana jcun gid tagħcom u gid ta'l pajjis għaliex meta il qŭistionijiet ta'l pajjis ijcunu f' idejn l'intelliġenti jinkatgħu dejjem aħjar.

Naħseb ucoll li jecc tmixxu il kuddiem tisŭija ta'l ligi elettorati biex min jicun jixtiek il vot ijcun jista jgibu bla taħbit u telf ta' żmien, ma tagħmlu xejn ħażin. Mela żidu il voti ta'l' intelligenti ħalli ittaffu il ħsara li jagħmlulcom l-egħdeŭŭa ma'l poplu baxx u ħalli f'xi mumenti importanti issibuhom magħcom.

Żidu ucoll il voti ta'l poplu baxx; iżda isimgħu minni, tħalluhx jicber bħal ħorriek bla ma tatu tant cas tiegħu għaliex meta tfittxuh issibu li f 'loc frott xeŭc biss hejja għalicom.

Il qŭistjoni ta't-tagħlim ta'l poplu baxx biex jivvota b'id-dehen u scond il coxjenza hemm bżonn li ŭieħed jieħu ħsiebha u jara chif jagħmel biex il poplu baxx jimxi b'għajnejh miftuħa u jcun jista jieħu seħem seŭŭa f'it-triegija ta'l pajjis. Lil poplu baxx tuh il-lexxuna f' idu iżda għallmuh chif ijlakkax biha ħalli ma jatix biha fuk idu jeŭ fuk idejcom.

Mela biex daŭc li ŭreŭ fiduċja ficom jibkgħu marbutin bi klubhom magħcom u biex daŭc li da'l mument tgħerrxu minncom jaraŭ li kabdu triek ħażina u jerġgħu jersku lejcom biex b'hecc jirnexxilcom m'il ġdid tgħakkdu il poplu f'kalb u f' fehma ŭaħda bħal ma chien kabel u biex il ħsieb ta'l għedeŭŭa, li joforku il poplu għal finijiet karrieka ta' rashom, ma jirnexxix hemm bżonn li tħabircu bi ħrara cbira biex tfittxu iġġibu lil poplu it-tisŭija ta'l Costituzzjoni u b'hecc timleŭ bl-ilma ħalk l-għedeŭŭa u tcattru ficom il fiduċja u l-imħabba; li lil poplu tfittxuh dejjem biex tfiehmuh l-għamil tagħcom ħalli is-sefsif ta'l għedeŭŭa ma jsibx fejn jinbet u biex meta jcollcom bżonnu issibuh dejjem sejf u tarca għalicom; u li iżżidu il voti ta'l intelligenti biex ijgħinucom f'certi mumenti difficili u ta'l poplu baxx ucoll biex dana, billi tgħallmuh chif jibda jieħu sehem f' it-trigija ta'l pajjis m'hux scond it-tnassis u il għaŭi ta'l għedeŭŭa iżda biss scond id-dehen imdaŭŭal u il coxjenza seŭŭa tiegħu.

Nitma li għalchemm m'il baxx dana il-leħen jasal fejncom u tatuh ŭiden ħalli ilcoll b' kalb ŭaħda nibkgħu naħdmu u nitħabtu sa chemm nakilgħu dac li nixtieku u li jisthokkilna. J' Alla!

A. Levanzin p.l.

# FRAC.

INGĦALLMU IL POPLU—Iva, hemm bżonn li ŭieħed jitkankal biex jara chif jagħmel ħalli f'Malta indaħħlu it-*tgħallim obligatorju* bħal ma hemm f'pajjisi oħra. Ħafna missierijiet u ommijiet f'loc li jfittxu il gid ta' uliedhom billi jgħallmuhom, ijfittxu actarx li jiddubbaŭ xi ħaġa minn fuk spallejhom billi jibagħtuhom jaħdmu f'ir-raba jeŭ ijseftru u b'hecc m'hux biss ijgħarrku saħħithom għaliex ijcunu għadhom żgħar iżda jitilgħu bla dehen ta' xejn. Hemm bżonn fuk collox li ingħallmu l'in-nisa u m'hux ħallejnihom bħala sefturi jeŭ biex ijsiru ommijiet biss bla ma jafu chif ijrabbu l-uliedhom. Kabel ma ingħallmu lil poplu u l-actar l'in-nisa il pajjis tagħna ma jistax jimxi il kuddiem. Hemm bżonn li il flus li jonfok il poplu baxx tagħna fl-imbit u f'il pipa jibda jonfku cotba x'jakra ħalli ijcun jaf jakdi dmiru aħjar u jcun jaf aħjar liema huma id-drittijiet tiegħu.

Nitma li il Cunsilieri ma jdumux ma jieħdu ħsieb dina il qŭestjoni tant ta' ħtieġa cbira għal pajjis.

★

Fl-aħħar numru tchellimna fuk in-nukkas ta'd-daŭl li hemm f'xi torok il Ħamrun; illum għarrfuna li f'Birchircara ucoll hemm xi torok mudlama ŭisk, u fosthom il Ŭied (Strada Vallone) hu mudlam ŭisk billi hu l-arterja principali ta' Malta u minnu dejjem għadejjin in-nies lejl u nhar. M'il Ŭied hemm għaddejja il-luce-elettrica biex tmur għal Palazz ta' Sant Anton; għala ma jagħmlux x'erba fanali għal gid ta'l poplu? Għarrfuni ucoll li hemm xi torok imgħarrkin ŭisk u li fosthom Strada Santu Roccu meta tagħmel ix-xita tcnn trid ixxammar biex tgħaddi minnha. Birchircara illum nistgħu ingħidu li saret belt u li fiha jgħammru ħafna nies m'il bliet u għalhecc chiecu il Gvern jieħu ftit ħsiebha ma jagħmel xejn ħażin.

★

Bosta nies, actarx ta'l campanja, meta jibagħtu xi ittra lil nieshom Barra, ma jagħmlux f'ras l-ittra ir-raħal, it-triek u in-numru ta' min jibgħatha, u xi dakkiet f'loc li jagħmlu l-isem u il cunjom taħt jagħmlu l-isem biss. Dina hi draŭŭa ħażina ŭisk għaliex hemm mijiet ta' ittri il Posta li reġgħu l-ura u il Postmaster ma jafx lil min għandu jatihom; u biċċa minn daŭna huma ta' importanza cbira.

★

Jecc għadcom tiftacru, f'is-7 ta' Frar li għadda, certu Għirgor Tonna, m'ir-Rabat ta'l Imdina, bin il mejjet Masu, chien katel bi tliet tiri ta' revolver lil martu Anni fuk għejra. It-Tnejn li għaddeŭ sar il ġuri tiegħu u l-imsejchen f'loc li ħa il forca jeŭ mar il ħabs għal għomru bagħtuh Ŭied Incita billi il ġurati, b'fehma ŭaħda, kalu li meta għamel dac id-delitt icreħ rasu ma chienetx f'postha. U dan il ġurati kaluh ŭara li semgħu jinkara ir-rapport sabiħ tasseŭ li għamlu il Prof: G. Ullo-Xuereb, il Prof: Carm: Mifsud u it-Tabib ta's-Sanità F. Xuereb, u li fih b'rekka li ma bħala ġabru daŭc il fatti collha li għalihom Tonna għamel id-delitt m'hux għal ħruxija iżda taħt ferħ ta' ġenn.

Ir-Rapport dam jinkara fuk siegħa sħiħa u chien tant convincenti li il ġurati ma setgħux ijgħidu ħlief bħal ma kalu it-tobba f'ir-rapport li Tonna ma chienx responsabili ta'd-delitt li għamel u għalhecc it-tliet imħallfin bagħtuh il Manicomju.

★

Nifraħ jien ucoll, b'kalbi collha, l'is-Sinjuri Emm: Pio Debono, C. Saydon, P. Carbonaro, F. Gaŭci u F. Refalo, billi ħadu il *warrant* ta' Nutari u nixtiekilhom cull risk.

★

Is-Sur Tanti-Bellotti hu żagħżuħ intelligenti u patriotta; u cullħadd jakra b'il pjacir daŭc l-ittri tiegħu li spiss jidhru f'il «*Gazzetta di Malta.*» Jiena naħseb ucoll bħalu u bħa's-«*Salib*» li «*id-Dipartiment ta's-Sanità, li cullħadd kiegħed ijgħemgħem minnu, jigi irriformat chif ijmiss.*»

★

Inħabbru, b'kalbna magħsura il meŭt ta's-Sinjurina CARMELA GRECH, minn Ħaż-Żebbuġ u ta's-Sur ĠANNI GATT m'il Birgu, li chienu it-tnejn maħbubin minn cullħadd għal għamil tajjeb tagħhom. Nitolbu għalhecc l-Alla li jati lill irŭieħhom il mistrieħ ta' dejjem.

★

Xi ħadd m'il imsieħbin ta'n-«Naħla» għemgħem għaliex cull tant tidher fiha xi ħaġa b'it-taljan. Għandu jcun jaf dana il ħien li hemm ma'l erba mitt imsieħeb f'in-«Naħla» li issieħbu biex jincoraġġixxu gazzetta seŭŭa b'il malti għad li jakraŭh b'it-tbatija, u għalhecc billi ŭieħed cull tant jati xi farca lilhom ucoll ma jagħmel xejn ħażin. L-Esperanto hemm fuk it-tliet mitt imsieħeb li jieħdu pjacir bih u jriduh u għalhecc ma għandix indarras tliet mitt imsieħeb biex niccuntenta ŭieħed jeŭ tnejn li ma jriduhx biss għaliex għadhom ma fehmux il ħtieġa tiegħu. Id-*Daily Mail*, *Il Figaro*, u tant ġornali cbar oħra chemm il darba ġiebu articoli bl-Esperanto u is-*Self Educator* ta' Harmsworth gieb cors sħiħ. Għala in-«Naħla» tiegħi biss għandha tagħlaklu il bieb f'ŭiċċu?

Ħadd ma għandu jippretendi li in-«Naħla» tinchiteb collha għalieħ biss u billi jiena naf l-imsieħbin li għandi u x'jogħġobhom dakka niccuntenta lil ŭieħed u dakka lil ieħor. Meta ma tinzertax il gimgħa tiegħec ħu ftit paċenzja sa tasal tiegħec.

★

Bosta nies li jifhmu faħħru l-istatŭi ta'l cartapesta li iż-żagħżuħ Ġorġ Falzon, ta'l Ħamrun, għamel għal festa ta'

Stella Maris ta' Ta's-Sliema. Jiena ucoll nixtiek narahom jagħmlulu il kalb ħalli jibka jimxi actar il kuddiem.

★

Is-Sultan Alfonsu ta' Spanja m'hux biss accetta li jcun President-Onorarju ta'l Congress ta'l Esperanto li sar dan l-aħħar f'Barcellona iżda għamel lil Dr: Zamenhof COMMENDATUR TA'L ORDNI TA'R-REGINA ISABBELLA li hu ŭieħed m'il akŭa unuri li tati Spanja. Fi Franza taħh il-LEGION D'ONORE. Dana nixtiek li jasal f'ŭidnejn daŭc l-erba injoranti li jitbissmu jidħku meta jisimgħu l-isem ta'l Esperanto.

★

Meta jiena gimgħatejn ilu tchellimt fuk il programm ta'l Liberali u għidt li hu *razzjonalista* u għalhecc contra it-tŭemmin ta'l Cnisja Imkaddsa, chien hemm min karras xuftejh għa'x kal li jiena cargajt iċ-circu. Jakraŭ daŭna it-talin l-articolu sabiħ li deher fuk hecc f'il « *Gazzetta di Malta* » ta' nhar it-Tlieta ħalli jaraŭ chif jakbel chelma b'chelma ma dac li ctibt jien u biex taraŭ ucoll chif dac li inchiteb f'dac il programm gie iccundannat b'Enciclica ta'l Papa stess. Min hu nisrani ma sata katt jiffirma dac il programm u ma satax jivvota għalieh; minn ma hux nisrani tasseŭ jeŭ ma jridx jokgħod għal dac li jgħid il Papa, allura ħag'oħra.

★

Il FAVORITA intgħogbot ħafna u kalgħuha tasseŭ il bravu tenur *Pazzi*, li kala it-tifħir ta cull min jifhem u il Primadonna *Timitz*. Il baritonu *Belletti* għamel figura ħafna aħjar m'il eŭŭel darba. Il baxx Tondini għadu ma lakatx b'iż-żejjed il parti tiegħu.

★

F'il Parlament Ingliż reġgħu tchellmu fuk it-tisŭija ta'l Costituzzjoni tagħna u il Curunell Seely ma katax barra iżda kal li kiegħdin f'il ftehim ma'l Gvernatur ta' ħaŭn. Dana juri b'iċ-ċar li xi ħaġa taħt il platt hemm sgur u li għalhecc ma għamilna xejn ħażin meta ŭiddibnicom li tieħdu ftit sabar ieħor kabel ma inħarrxu il Ministru.

★

Da'l granet ircevejt ittra tŭila ħafna biex tfaħħar l'is-Sur Alfonsu Urso bħala Chirurgu-Dentista. Jiena ma ingibhiex għaliex tŭila ŭisk iżda nakbel miegħu f'cull ma kal li is-Sur Urso hu ŭieħed m'il aħjar dentisti li għandna tant għal kliegħ u għal cura ta'l ħalk chemm ucoll għax-xogħol artifiċjali. U dana kiegħed ingħidu għaliex is-Sur Urso chien impjegat miegħi għal żmien tŭil u għalhecc naf b'iż-żejjed x'jiżen tant li għalija u għal familja tiegħi dejjem sejjaħt lilu.

★

Da'l granet miet il Hamrum ta' 75 sena GANNI CREMONA li għal ħafna snin chien impjegat fl'Università meta jiena cont nistudja hemm. Chien ragel seŭŭa ŭisk u maħbub minn cullħadd għall l-imgieba tajjba tiegħu u għalhecc nitma li l-imsieħbin ta'n- « Naħla » ma jonksux li ma jitolbux mistrieħ għal ruħu.

★

Is-Sindcu ta' Serkusa bagħat Diploma di Benemerenza lil cull ŭieħed minn daŭc it-tobba li chienu marru jatu għajnuna fl-aħħar terremot ta' Messina. Nifirħulhom b'kalbna collha.

# AĦBARIJIET TA' BARRA.

**Fi Franza** beda il process famus contra Madame Steinhal li hi gżata li katlet lil żeŭġha pittur biex tiżżeŭŭeġ ragel ieħor u li katlet l-ommha ucoll biex tisrakha. Malli incunu nafu ingħarrfucom chif sejjer jinkata.

**F'Barcellona** neħħeŭ il-liġi marzjali li chien hemm minn mindu sar l-irvell. Dana juri li it-tixŭix rakad u għalhecc nitma li il cummerċ ta' dic il belt tant sabiħa jarġa jitkankal m'il ġdid billi jerġgħu jmorru il passiġġieri li chienu tgħerrxu għax beżgħu m'il bombi.

**F'il Grečja** rakad l-irvell collu u Typaldos li kankal collox gie arrestat f'il ħarba. Dana sejjer ijcun iccastigat seŭŭa chif jistħokklu billi l-irvell li kankal sata gieb g'ol Grečja tixrid cbir ta' demm.

**Il Bill** li riedu jgħaddu il Liberali Ingliżi fuk it-taxxi il ġodda għadda, u għalhecc Lloyd George u il Prim Ministru Asquith kalgħu ħafna applaus u l-actar dan ta'l aħħar meta bi cliemu attacca il Camra ta'l Lordi u kal li il hacma ta'l Inghilterra għandha tcun biss f'idejn il poplu.

**F'Isola Liri** da'l granet kam tixŭix cbir ŭisk billi ŭara il meŭt ta' Ferrer is-Sindcu Giovannone, li hu actarx mażun, ma' xi oħrajn m'hux biss riedu ijsemmu pjazza bl-isem ta' Ferrer iżda ordna li cull fejn hemm xi salib f'it-torok ijneħħuh. F'dakka ŭaħda geŭ imchissrin chemm slaleb geŭ taħt l-idejn. Xi patrijiet marru bi processjoni ta'l poplu biex jerġgħu jkegħdu daŭna is-slaleb f'lochom iżda is-Sindcu ma ħallihomx. Allura il poplu sibel, ħabat għa d-dar ta's-Sindcu u gieghlu jaħrab biex ma jħallix gildu. Dana raġa gie b'in-nies miegħu biex jakbżu għalich iżda il pulizija arrestatu bħala xeŭŭiexi u b'hecc il poplu raġa kagħad qŭiet b'il patt li jneħħuh minn Sindcu ta' dac il pajjis.

**Ħdejn Tulon** fi Franza żeŭġ briccuni telgħu fuk vapur-ta'l-art li chien imgħobbi b'il mercanziji, ħabtu għal min chien għassa fuku, taŭh xebgħa bastun u sicchina u ŭakkgħuh barra. Ŭara li serku chemm felħu, kabżu u ħarbu.

**Il Czraina ta'r-Russja** tinsab marida seŭŭa, u għandha ragun ŭara dac il ħafna għali li sofriet f'il gŭerra u fl-irvell li ġarrab pajjisha.

**F'Bucarest** ġara fatt icreħ ŭisk li ŭaħħax lil cullħadd. Il caġun chienet il mishuta għejra li iggib tant tleŭŭim u għaġġ f'il familji. Il miżżeŭŭġa Stefanesco chienu jinħabbu ħafna u katt ma chellhom x'ijgħidu bejniethom ħlief biss għaliex il mara chienet fitta ŭisk f'ir-ragel u chienet tgħir għalieh ħafna. Darba din ircieviet ittra anonima li saħħnitilha rasha seŭŭa. Ŭara li għamlet xenata cbira lil żeŭġha dana mar jorkod u rakad f'il fond. Dina meta ratu rieked kabadha bħal ferħ ta' genn, giebet flixcun pitrolju u ferrgħitu collu fuk is-sodda ma dŭar żeŭġha; giebet ieħor ferrgħitulu fuku u tat in-nar. Dac malli ħass il ħruk kam ijgħajjat daks indannat iżda hi għalkitu f'il camra u għalhecc ma satax joħroġ. Fetaħ ittieka u beda jgħajjat l'in-nies iżda daŭna sa telgħu u sfundraŭ il bieb sabuh ġa sar faħam.

Il mara meta ratu hecc ma għeliet xejn u dbissmet tidħak. Tasseŭ li dina il mishuta għejra iggigħel lil bniedem jagħmel ħŭejjeġ ta'l genn għaliex li chiecu dic il mara chienet f'sensiha ma chienitx tasal sa haŭn.

**Paulham**, bl-areoplan għola fl-arja ma l-elf pied.

# Is-Sistema Berlitz.

Dana hu l-aħjar sistema li bih kiegħdin ijgħallmu il-lingŭi f'pajjisi oħra u li tant sabuh tajjeb li m'il 1878, meta saret l-eŭŭel scola, sa'l-lum l-Istituti Berlitz jinsabu mxerrda fi 325 belt b'eluf u eluf ta' sculari li collha joħorġu jiftaħru għa'ż-żmien kasir li fih joħorġu jitchellmu lingŭa.

Jiena xi snin ilu cont krajt ħafna fuk dana is-sistema u xtakt nitgħallmu. Ctibt għaldakstant lil ŭaħda m'il aħjar schejjel ta' dana is-sistema iżda ŭieġbuni li ma setgħux ijgħallmuhuli u la b'il cotba u l-ankas bl-ittri billi ŭieħed jista jitgħallmu b'il fomm biss u għalhecc bkajt b'xeŭktu.

Issa meta siefirt ŭaħda m'ix-xeŭkat li ridt nakta chienet din u irnexxieli bejn Marsilja, Tolosa, Bordeaux u Barcellona inlakkat għaxar lezzjonijiet li fihom fehmuni b'iż-żejjed dana is-sistema li hu sabiħ u ħafif tasseŭ għaliex hu mibni scond in-natura ta'l bniedem u għalhecc cull min jitgħallem lingŭa bih ma jbati xejn tasseŭ. Billi sa fejn naf jien dana is-sistema f'Malta għadu ma jafu ħadd u billi nixtiek ħafna li narah imdaħħal fl-ischejjel tagħna ħalli iż-żgħażaħ jitgħallmu il-lingŭi fi żmien iksar u b'ankas tbatija, irrid infehimcom xi ħaġa fuku b'it-tama kaŭŭija li daŭc collha li f'idejhom hu merħi it-tgħallim ta'ż-żgħażaħ jitgħallmu dana is-sistema biex ijcunu jistgħu jgħallmu il-lingŭi. Chif ijsir it-tagħlim fl-ischejjel tagħna it-tfal jaħlu snin sħaħ biex jitgħallmu lingŭa, u il biċċa il cbira joħorġu bla ma jafu jitchellmuha; għaldakstant l-ischejjel tagħna hemm bżonn li jimxu ma'l progress ta'd-dinja u li biex ijgħallmu il-lingŭi jużaŭ daŭc is-sistemi ġodda li kiegħdin jużaŭ fl-aħjar bliet ta'd-dinja. Lil Berlitz talli ħolok dana is-sistema, fi Franza għamluh membru ta'l Legione d'Onore u dana juri b'iż-żejjed chemm hu ta' min ijmixxih lil dana is-sistema tiegħu.

F'dana is-sistema it-tgħallim ijsir bl-imkietgħa igifieri tħallas tant flus b'il patt li is-surmast għandu jŭasslec fejn tiftiehmu, per esempju titchellem, iżzomm corrispondenza ecc. Min ijgħallem lingŭa jcun dejjem ta dic in-nazzjon li jgħallem l-ilsien tagħha, per esempju min ijgħallem l-ingliż ijcun ingliż, it-tedesc ijcun tedesc ecc. u b'hecc biex ijgħallem il-lingŭa katt ma juża ma'l iscular ħlief il-ingŭa ta's-surmast u haŭn kiegħed il mertu il cbir ta's-sistema għaliex l-iscular ma jagħmel katt traduzzjonijiet u is-surmast ma jispiega katt b'il-lingŭa ta'l iscular iżda b'il-lingŭa tiegħu. B'dana is-sistema l-iscular jibda jitchellem il-lingŭa li jrid jitgħallem m'il-eŭŭel ġranet u għalhecc joħroġ cuntent u jagħmel il kalb m'il-bidu. Il grammatica f'loc li jitgħallimha f'il bidu jitgħallimha fl-aħħar meta jcun jaf ġa jitchellem u jakra u il grammatica jcun jista għalhecc jifimha b'il-lingŭa li jcun kiegħed jitgħallem stess.

Billi hu diffiċli ħafna li ŭieħed ijfihem b'il chitba chif ijsir it-tagħlim ta'l lingŭi b'dana is-sistema, nitma li ma ndumx ma ncun nista nagħmel « Conferenza » biex infihem b'il fomm chif ijsir dana it-tagħlim billi jiena illum naf is-sistema seŭŭa m'hux biss għaliex fehmuhuli surmastrijiet tajjbin iżda ucoll għaliex ŭieħed minn daŭna is-surmastrijiet irregalani il ctieb li fuku jmixxu il-lezzjonijiet.

Nitma ucoll li ma iddumx ma titŭakkaf f'Malta scola « Berlitz » għal gid ta' dana il pajjis li dejjem ijħobb jibka l-ura f'il progress ta'd-dinja.

# TLAKKIT.

**Sir Edward Edgar**, il famus compositur ta'l musica u naturalista, biex ijkatta iż-żmien jokgħod ijtajjar it-tajra b'in-nies li jgħaddu collha jħarsu lejh.

**Min ijrid ijsajjar** b'ir-raġġi ta'x-xemx jista. Dan is-sistema ivvintah il Baruni Tcheinhausen, tedesc, fl-1687. Sir John Herchel u Buffon għamlu bħalu. F'il Californja il cochi jsajjru fl-istess ħin ta'l taħam jeŭ gas. Ir-raġġi miġbura minn mera bħal callotta jagħmel is-sħana li hemm bżonn għa's-sajran.

**Il clieb** meta huma salvaġġi ma jinbħu katt; iżda jingħu biss. L-inbiegħ jitgħallmuh meta jagħmluha ma'l bniedmin billi jisimgħuhom jitchellmu u jridu jagħmlu bħalhom.

**Darwin**, f'il « A Naturalist's Voyage » ijgħid li ra jaka silġ fl-America cbir daks anġasa, u li joktol l'iċ-ċrief u l-ingħam. Fl-Indja ucoll ŭaka silġ li chien jiżen ukitejn il ŭaħda.

**F'iċ-Cina** meta ŭieħed ijsalva lil xi ħadd m'il meŭt ijrid ijmantnieh għal għomru.

**Is-Setta ta'l Unitarians** hi kaŭŭija ŭisk fl-America. Il Presidenti Taft, Jefferson, Adams, Quincy Adams u Millard Fillmore bħal ma ucoll il-letterati famusi Longfellow, Holmes, Emerson, Hawthorne u Bret Harte ħarġu minnha.

**F'Monte Carlo** jsir logħob li jŭaħħax. Mr. Huntley-Walker rebaħ 18,000 lira; Wells, 40,000; Colonel Power, 70,000; f'siegħa biss rebaħ 4,000; Conti Russu, 14,000 f'lejla; ŭaħda sinjura ingliża f'jumejn tilfet 36,000 lira. Mr: Jaggers rebaħ 80,000 lira; il Gran Duca Alexis ta'r-Russja, 60,000; Lord Villiers, 30,000. Iżda għal chemm cull tant jinbtu daŭna il ftit ix-xurtjati il Cażin jibkagħlu miljun u nofs lira rebħ f'is-sena u dana jfisser li ŭisk huma daŭc li jidħlu jidħku u joħorġu jibchu.

**Meta ŭieħed ijħassar għerusija** m'hux f'il pajjisi collha jħallas il-laħam xorta ŭaħda. Fl-Inghilterra hemm libertà cbira fl-għerusija iżda min ijħassar għal xejn jista jibka sgur li jħallas somma jiebsa ta' flus u li jitlef ħafna ma cull min jafu. Fl-Istati Uniti hemm pajjisi fejn cullħadd jista jitgħarras u ijħassar chemm ijrid bla ma ħadd jista jfittex lil sieħbu f'il Korti; u hemm oħrajn fejn jitħallsu somom cbar ta' flus. F'il Germanja l-għerusija trid issir kuddiem il Korti u kuddiem ix-xhieda billi l-għarajjes jiffirmaŭ bħal cuntratt. Jecc xi ħadd jibdielu jerġgħu jmorru il Korti, jħassru il cuntratt u jgħidu għala u min ijcollu tort ijħallas id-dannu lil sieħbu. Fi Franza, fl-Aŭstrija u fl-Olanda ftit ijsiru caŭżi billi ŭieħed ijrid jipprova li ġarrab telf ta' flus biex jista jirbaħ xi ħaġa. F'pajjisi oħra il-ligi jagħmluha l-aħŭa jeŭ il missierijiet billi jdokku xebgħa lill għarus. Fl-Italja biex tista issir caŭża il għarusa trid turi b'il mictub il ŭegħda ta'l għarus li għandu jiżżeŭŭiġha.

**Il miljunarju american Vanderbilt** ried jixtri, ftit ilu, il chelb li jismu « Elsworthy Kedine » minn għand il Principessa ciniża Toussoun. Dina kalet iva basta jatiha tliet liri sterlini cull ukija li chien jiżen. Vanderbilt iccuntinta u sab li il chelb chien jiżen seba libbri igifieri mija u tnax l-ukija. Mela nefak fih tliet mija u sitta u tlietin lira!

**F'il belt imsejjħa Columbus**, f'il Kentucky, fl-America, ħames aħŭa subien iżżeŭŭġu f'ġurnata ŭaħda, ħames aħŭa bniet. Ix-xhieda chienu ħames t'aħŭa irġiel; u id-damigelli ħames t'aħŭa nisa.

zetta ta' cull xahar imsejjħa « *La Voĉo de Farmaciistoj* » li tagħha gejt maħtur bħala direttur jien, b'il għajnuna li tlabt ta'l għaref spiżżjar Polonis Boleslav Gladih ta' Varsavja u li ġa kiegħed joħroġ hemm gazzetta oħra ta'l Farmacija b'il polonis « *Farmaceuta Polski* » u li għandu jieħu ħsieb ir-redazzjoni u għalhecc il gazzetta ħriġniha f'Varsavja biex jista jiccorriegiha hu. L-Amministratur hu il għaref spiżżjar Van Schoor ta'l Belgju. B'dina il gazzetta bdejna ġa niġbru taħt bandiera waħda l-aħjar spiżżjari ta'd-dinja u nitma li sa ftit snin oħra insiru eluf b'gid cbir ta'l professjoni tagħna u ta'd-dinja collha ucoll.

*(Jissocta.)*

# NOVEMBRU.

Ix-xahar ta'l inżigħ il ŭerak.

Shana bejjenija 17·9. Centigradi. Ijraħħsu in-naspli u il fomm-il-lipp; jiżagħru il pastard, il kakotx u iż-żagħafran; ijsajjar il fomm-il-lipp; jinżgħu id-dielja, ir-rummien, il pumacannella il bżar aħmar u is-sebuka.

F'ir-raba bagħli:

Jinżergħu il għosfor, ix-xgħir u il kamħ majjorchin; jitħaŭŭlu il basal u il patata ta'x-xitŭa; jinkata il busbies.

F'ir-raba sakŭi u f'il ġonna:

Tinżara iz-zunnarija; jitħaŭŭlu il cabocci; jinżabru u jsiru il porpajn ta'd-dŭieli u ta'r-rummien.

Proverbji:—

Min jiżra f'in-niexef u ma' inakkix f'il miblul,
Ħatab ijcollu u jicber bosta iż-żbul.
Ix-xemx u ix-xita Alla biss jaf mita.
B'ix-xita u ix-xemx, il muna b'il giri ma tintemmx.

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

NOVEMBRU.

15—1803. Saret il Cattedra ta'n-Naŭtca fl-Università.
16—1822. Sar l-Appell f'ir-Re.
17—1847. Miet l-Iskof Caruana.
18—1836. Laħak Gvernatur Bouverie.
19—1801. Id-Deputati telku għal l-Inghilterra.
20—1456. Ma ħalleŭx Maltin iżjed ijmorru Cursari.
21—1833. Ħargu ir-Regolamenti ta'l Monti.

**Fl-America** stampaŭ l-eŭŭel gazzetta f'ballun x'ħin chien kiegħed jivvjaġġa fl-arja. George R. Mc Clellan, id-Direttur ta'd-« Dayton Journal » talla stamperija żgħira miegħu f'il ballun « Hoosier, » stampa il gazzetta u kassamha f'il bliet li għaddeŭ minn fukhom.

**F'il-Librerija Carnavalet**, ta' Parigi, hemm ctieb fuk il Costituzzjoni ta'l 1793 illegat b'il gilda meħuda minn gisem ŭieħed m'ir-rivoluzzjonarji ta' dic is-sena; u il famus astronomu franciż Camille Flammarion għandu ctieb minn tiegħu « *Ciel et Terre* » illegat b'il gilda ta' spallejn mara sabiħa ħabiba tiegħu li ħailietlu f'it-testment il gilda ta' spallejha biex jillega dac il ctieb. Flammarion obda ix-xeŭka tagħha, icconza il gilda ŭara meŭtha u illega il ctieb chif xtieket hi.

# IS-SAĦĦAR FALZUN.

*(Jissocta minn numru ta' kabel.)*

Fatma għad li chienet mara fkira daks Ġobb chienet iżda iżżomm darha nadifa donnha xummiema u għalhecc Carmena, billi chienet taf b'iż-żejjed dana, ma tmeżmżet xejn li tilbes ħŭejjigħa biex tbiddel il miblulin għasra li chellha fukha, u li ŭara li biddlitilha il lożor u l-investa tidħol f'soddítha ħalli tistejken seŭŭa billi il bart kieraħ ta' dic il-lejla kalila chien meŭŭtilha sa għadamha.

Fatma leffitha tajjeb f'il cutra li chellha u kagħdet ħdejn rasha bħal meta chienet tokgħod iljeli sħaħ meta chienet trabbiha f'dar il Hachem.

Carmena ma setgħetx torkod m'il eŭŭel billi chienet għajjiena u imgħollija ŭisk u billi bdeŭ jatuha, ŭaħda f'ŭaħda, ħafna xrierak ta' sogħla; iżda ŭara ixxaħxħet u għajnha marret biha. Fatma meta rat hecc ħbiet il musbieħ u middet rasha fuk drieghha fuk id-dahar ta's-siġġu u kagħdet titħasseb fuk dina il praspura cherha li iltakgħet magħha bla ma katt chienet toħlomha.

Ħamid, miblul għasra, ŭasal fejn id-dar li chellu il Cavalier f'San Paŭl ta't-Targa f'chemm trodd salib; collox chien baħħ. Ħabbat għal darba, tnejn; ħadd ma ŭiegħu. Daħal f'il gnien, raġa ħabbat m'il bieb ta' ŭara—l-ebda tŭiegiba. Fehem li il Cavalier ma chien kagħad ijħabbel rasu xejn li jigi hemm biex ijħenni lil dic l-imsejcna li chien ġarraf f'dagħbien icreħ għal għomorha, u f'il ħin li feraħ għaliex Carmena chienet għadha taħt idejh, ħass għafsa ta' kalb cbira x'ħin ra li ma satax jagħmel dac li chien ŭaħħal f'moħħu, igifieri li jonxor chif ijcun ŭaħdu lil Cavalier u jŭaħħal ma' Carmena f'Ambroġ; basta jeħles minnu minn ma'r-riġlejn u ma jaraħx actar maħbub b'imħabba ta'l genn minn dic li kalbu chienet xegħlet bħal ħuġġieġa nar għaliha.

Stchenn taħt ħajt n'i'r-raxx ta'x-xita li chienet għadha nieżla sfieka, tleffef tajjeb ġo'l cabozza li chienet saret tkila daks iċ-ċomb bl-ilma li chienet redgħet, melles il pum ta'l istallett li chellu fi ħżiemu u li chien tah, kabel telku, De Saqueville stess, u kagħad ijtalla u ijniżżel għala chien għodu laħak nofs-il-lejl u il Cavalier chien għadu ma deher xejn.

Għaddiet siegħa, jecc m'hux actar, u Ħamid ma felaħx ijżomm iżjed b'il għaja li chellu fuku u b'il bart kieraħ li ried ijxokklu għadmu. Fehem seŭŭa li ta'l Cavalier m'hux imħabba chienet iżda xeŭka ħażina u capriċċ contra Ambroġ, u għalhecc kata kalbu jistenna iżjed. Ftacar li ħalla lil Carmena ŭieħidha ma' Fatma u lil Ġanni b'il caless ŭara il bieb u għalhecc biex ma jatix f'il għajn għaggel mar f'Musulmet, ħallas seŭŭa u lil Ġanni m'il flus li chien tah il Cavalier u ŭiddbu ħafna li ma għandux jitniffes fejn chienet tinsab Carmena, u meta dana ħaliflu b'saba fuk ieħor, bagħtu għal rieħu.

Meta ra li għal ħsejjes ta'l caless ma xiref ħadd tectec ma'l bieb ta' Fatma biex tiftaħlu; u din billi ma chienitx għalket għajnejha, bexxket il bieb minnufih u gibditu geŭŭa. Ħamid daħal donnu ras maktugħa u baka bħal mibluħ ijħares lejn Carmena li chienet ħamra nar, mitlufa f'batticata sogħla. Fatma bakgħet iżżommilha għbinha sa għaddietilha.

Malli Carmena setgħet titcheilem kalet lil Ħamid:—

—« Chien hemm, hux? kiegħed jistenniena? X'kal? x'kal? għemgħem għax domna? għedtlu fejn jien u għala?...».

Ħamid għaddas rasu actar, beda jgebbed buttuna ta's-sidrija u ma tniftes xejn.

Fl-**Istitut ta's-Sur C. L. Borg**, ta' Strada Due Porte, 188-189 l-Isla jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa ingliża, taljana, franciża, latina, ta'l Matematica u ta'l Cummerċ, ta'l Istorja, Calligrafija u Reliġjon.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlakha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kieghdin l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa jumejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**




**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**